SAINT JAMES HOSPITAL

**INFORMAZZJONI UTLI LILL-PAZJENT QABEL L-OPERAZZJONI**

Jekk se tagħmel operazzjoni, infakkruk li::

| | |
|---|---|
| **Ġojjelerija** | Kull ġojjelerija (inkluż imsielet anke fl-ilsien), trid titneħħa**.** |
| **Hearing aids** | Jekk normalment tilbes hearing aids, żommhom sakemm tidħol fil-kamra fejn se tagħmel l-operazzjoni biex tisma' u tifhem kollox. |
| **Dentaturi** | Jekk jogħġbok neħħi d-dentaturi mhux permanenti qabel l-operazzjoni. |
| **Contact lenses** | Jekk normalment tilbes lenses, jekk jogħġbok neħħihom qabel tidħol fil-kamra tal-operazzjoni. Tista' tilbes nuċċali u ġib il-kaxxa tagħhom. |
| **Xagħar** | Għall-operazzjoni, jekk jogħġbok neħħi l-pins u l-klipep li jorbtu x-xagħar. Jekk xagħrek hu twil, uża hairband. Se nipprovdulek kappa biex tilbisha int u sejjer/sejra għall-kamra fejn se tagħmel l-operazzjoni. |
| **Parrokki/Extension** | Jekk normalment tilbes parrokka jew extensions, jekk jogħġbok neħħiha u nipprovdulek kappa biex tilbisha int u sejjer/sejra għall-kamra fejn se tagħmel l-operazzjoni. |
| **Kożmetiċi** | Jekk għandek xi makeup inkluż foundation, lipstick jew gloss, neħħi kollox. Tagħmilx fwejjaħ u hairspray qabel l-operazzjoni. |
| **Dwiefer artifiċjali** | Jekk jogħġbok neħħi dwiefer acrylic jew varnish. |
| **Makeup tal-għajnejn** | Neħħi l-eye shadow, mascara jew eyelashes foloz. |
| **Lotions/kremi** | Għal-lum tagħmilx lotions, powders u kremi. |
| **Xagħar ta' ġismek** | Jekk jogħġbok tqaxxarx, tużax "wax" u tneħħix xagħar mis-sit tal-operazzjoni. Dan se jitneħħa meta tidħol fis-sala. |

**UKOLL:**

- Se tkun mitlub tiġi l-isptar siegħa u nofs qabel l-operazzjoni.
- Ġib miegħek ir-riżultati tad-demm, X Rays, Ultrasound, ECG u riżutati ta' testijiet oħra li għamilt.
- Ġib il-mediċina li s-soltu tieħu inkluż inhalers.
- Ġib kull mediċina anticoagulant, anke jekk waqqaftha qabel l-operazzjoni.
- Qabel tiġi l-isptar inħasel b' ANTISEPTIC WASH.
- Ġib ukoll papoċċ tas-sodda komdu li ma jiżloqx ħalli tevita li taqa' u tweġġa'. Iġġibx slippers/papoċċi slip-on.
- Huwa rrakkomandat li TIEQAF TPEJJEP qabel l-operazzjoni. Jekk qed issibha diffiċli, tal-inqas TPEJJIPX GĦAL 24 SIEGĦA QABEL l-operazzjoni, sakemm tirkupra. (It-tipjip idewwem il-proċess ta' fejqan u jista' jikkawżalek mard ieħor).

**Għaliex ma nistax nilbes contact lenses qabel l-operazzjoni?** Il-contact lenses jistgħu jiċċaqalqu jew joborxulek għajnejk waqt l-operazzjoni u dan jista' jikkawżalek uġigħ kbir. Tinsiex iġġib in-nuċċali dakinhar tal-operazzjoni.

**Għaliex ma nistax nagħmel nail polish jew dwiefer foloz?**

Dawn jistgħu jtellfu lill-kirurgu u lit-tim tiegħu biex isegwuk sew waqt l-operazzjoni. Waqt l-operazzjoni se jkollok apparat mqiegħda ma' subgħajk biex jiċċekkjalek il-livell t'ossiġnu fid-demm. L-apparat ma jkunx jista' jaqra minn dwiefer artifiċjali jew minn jekk ikollok in-nail polish.

**Għaliex ma nistax nagħmel mascara jew makeup għall-operazzjoni?** Il-makeup jista' jtellef lill-anestesista u lill-kirurgu biex isegwik sew waqt l-intervent. Il-makeup tal-wiċċ jista' jaħbi l-kulur tal-ġilda tiegħek waqt l-operazzjoni, u dan jista' jtellef lill-anestesista biex ikun jaf kif qed ġismek qed jimmaniġġja waqt l-operazzjoni. Jista' jagħti l-każ ukoll li waqt l-anestesija ma jkollokx rifless li tagħlaq għajnejk u l-make up, l-iktar il-mascara jista' jidħol f'għajnejk u jagħmel il-ħsara.

**Għaliex ma nistax nagħmel lotion dakinhar tal-intervent?** Lotions, kremi u powders jistgħu jtellfu lill-istaff li jaħdmu fil-kamra tal-operazzjoni għax ma jkunux jistgħu jwaħħlu jew iqabbdu apparat ta' monitoraġġ mal-ġilda tiegħek.

**Għaliex ma nistax nilbes ġojjelerija u msielet dakinhar tal-intervent?** Navżaw li għandu jsir dan biex nevitaw li oġġetti tal-metall ma jinterferux ma' apparati elettromediċi u anke biex l-ebda ġojjelerija ma tintilef waqt l-operazzjoni.